MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 271/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

***kontra***

**1. Cole Foods Limited (C8549)**
**2. Henry Paul Cole (I.D. 212520(M))**
**3. H.P. Cole Limited (C20)**
**4. Kenneth Cole (I.D. 647660(M)), Keith Cole (ID 70458M)), Kenward Cole (I.D.541562(M), u Kathleen Griscti Soler (I.D. AF074817077410399808) ahwa Cole eredi tal-mejta Maria Stella Cole, u b'digriet tat-23 ta` Novembru 2010 kienu kancellati l-ismijiet Keith Cole (ID 70458M)) u Kathleen Griscti Soler (I.D. AF074817077410399808)**
**5. Kenward u Ruth mizzewgin Cole (I.D. 541562(M) u 40465(M))**
**6. Kenneth Cole (I.D. 647660(M))**
**7. Keith Cole (I.D. 70458(M))**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-18 ta' Marzu 2009 li jaqra hekk –

*1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar u Pierre Cassar ippubblikati, fil-15 ta' Dicembru 1987 (Dok. 'B'), fl-24 ta' Lulju 1990 (Dok. 'C'), fid-9 ta' Dicembru 1994 (Dok. 'D'), fit-12 ta' Mejju 1995 (Dok. 'E'), u fit-30 t'Ottubru 1998 (Dok. 'F'), is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Cole Foods Limited (Dok. 'A') ;*

*2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Cole Foods Limited fis-somma ta' miljun, mitejn u tnejn u sebghin elf, hames mija u tmienja u tmenin Ewro u disghin centezmu (€1,272,588.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Cole Foods Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G4", "H1 sa H3", "I1 sa I48", u "J1 sa J39") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-11 ta' Settembru 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*3. Illi in forza tal-kuntratti fuq imsemmija kif ukoll permezz ta' skritturi privati datati fil-11 ta' Novembru 1987, fil-5 ta' Settembru 1990, fid-9 ta' Gunju 1994, fit-23 ta' Lulju 1994, u fl-10 ta' Novembru 1998 (Dok. 'K' sa 'V'), is-socjeta' H.P. Cole Limited, Henry Paul Cole, Kenneth Cole, Keith Cole, Kenward u Ruth mizzewgin Cole f'isimhom proprju u Kenneth Cole u Kenward Cole eredi tal-mejta Maria Stella Cole iggarantew flimkien u "in solidum" mas- socjeta' Cole Foods Limited ghaf-favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Cole Foods Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti "A sa F", u Dok "K sa V")*

*partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Cole Foods Limited, Henry Paul Cole, Kenward u Ruth mizzewgin Cole, Kenneth Cole, Keith Cole is-socjeta' H.P. Cole Limited f'isimhom proprju u Kenneth Cole u Kenward Cole ahwa Cole eredi tal-mejta Maria Stella Cole ;*

*naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Cole Foods Limited, Henry Paul Cole, Kenward u Ruth mizzewgin Cole, Kenneth Cole, Keith Cole is-socjeta' H.P. Cole Limited f'isimhom proprju u Kenneth Cole u Kenward Cole ahwa Cole eredi tal-mejta Maria Stella Cole li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment*

*6. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' hames ittri ufficjali datati fis-17 t'Awissu 2007 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "W, X, Y, Z, u Za", sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex Din il-Qorti tilqa it-talbiet tas-socjeta' attrici li qeda hawn titlob li Din il-Qorti joghgobha :*

*(1) Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokumenti "A sa F", u Dok "K sa V") partikolarment imma mhux*

*esklussivament, billi socjeta' Cole Foods Limited, Henry Paul Cole, Kenward u Ruth mizzewgin Cole, Kenneth Cole, Keith Cole is-socjeta' H.P. Cole Limited f'isimhom proprju u Kenneth Cole, Keith Cole, Kenward Cole u Kathleen Griscti Soler ahwa Cole bhala eredi tal-mejta Maria Stella Cole (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess socjeta' Cole Foods Limited, Henry Paul Cole, Kenward u Ruth mizzewgin Cole, Kenneth Cole, Keith Cole is-socjeta' H.P. Cole Limited f'isimhom proprju u Kenneth Cole, Keith Cole, Kenward Cole u Kathleen Griscti Soler ahwa Cole bhala eredi tal-mejta Maria Stella Cole li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

*(2) Tikkundanna lil socjeta' Cole Foods Limited thallas lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" mal-konvenuti kollha, is-somma ta' miljun, mitejn u tnejn u sebghin elf, hames mija u tmienja u tmenin Ewro u disghin centezmu (€1,272,588.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" taghha mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G4", "H1 sa H3", "I1 sa I48", u "J1 sa J39") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-11 ta' Settembru 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*(3) Tikkundanna lil Kenneth Cole ihallas lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" mal-konvenuti kollha s-somma ta' sitt mija u sbatax-il elf, mitejn u tlieta u tmenin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€617,283.94) parti mill-bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Cole Foods Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G4", "H1 sa H3", "I1 sa I48", u "J1 sa J39") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-8 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*(4) Tikkundanna lil Henry Paul Cole u Kenward u Ruth Cole ihallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "in solidum" mal-konvenuti kollha s-somma ta' seba' mija u wiehed u disghin elf, disa' mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€791,986.95) parti mill-bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Cole Foods Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "G1 sa G4", "H1 sa H3", "I1 sa I48", u "J1 sa J39") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-8 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*(5) Tikkundanna lis-socjeta' H.P. Cole Limited thallas flimkien u "in solidum" mal-konvenuti kollha s-somma ta' miljun, mitejn u tnejn u sebghin elf, hames mija u tmienja u tmenin Ewro u disghin centezmu (€1,272,588.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Cole Foods Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-8 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*(6) Tikkundanna lil Kenneth Cole, Keith Cole, Kenward Cole u Kathleen Griscti Soler ahwa Cole bhala eredi tal-mejta Maria Stella Cole ihallsu kwart diviz kull wiehed minnhom tas-somma ta' seba' mija u wiehed u disghin elf, disa' mija u sitta u tmenin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€791,986.95) parti mill-bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Overdraft Accounts" tas-socjeta' Cole Foods Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-8 ta' Gunju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali (Dok. "W, X, Y, Z, u Za"), u minghajr pregudizzu u bir-rizerva ghall-pretensjonjiet ohra tal-attrici kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.*

Rat l-elenku ta' dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici flimkien mal-lista tal-persuni li ndikat bhala xhieda.

Rat li r-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh tal-kawza kienu debitament notifikati lill-konvenuti skond il-ligi.

Rat li l-konvenuti bl-eccezzjoni ta’ Keith Cole u Kathleen Griscti soler baqghu kontumaci.

Rat ir-risposta guramentata ta` Keith Cole u Kathleen Griscti Soler prezentata fl-24 ta` April 2009 u cioe` qabel id-digriet ta` din il-Qorti tal-lum, li taqra hekk-

*1. Illi t-talbiet attrici hekk kif diretti kontra l-konvenuta Kathleen Griscti-Soler huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi hija ma accettatx il-wirt ta’ ommha Maria Stella sive May Cole. Kopja tan-nota ta’ rinunzja qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. KGS;*

*2. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-konvenut Keith Cole bhala eredi ta’ Maria Stella sive May Cole huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa ma accettax il-wirt ta’ ommu Maria Stella sive May Cole. Kopja tan-nota ta’ rinunzja qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. KGS;*

*3. Illi t-talbiet attrici hekk kif diretti kontra l-konvenut Keith Cole f’ismu personali huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huwa la qatt ippartecipa fin-negozju tas-socjeta’ Cole Foods Limited u ghalhekk wisq anqas iggarantixxa l-allegat dejn dovut lill-attur u dana hekk kif fuq kollox jirrizulta mill-istess skritturi u kuntratti esebiti mill-bank attur mar-rikors guramentat;*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-digriet taghha moghti llum fejn, wara rikors tal-bank attur, akkordat it-talba sabiex kull fejn jirrikorri fl-atti jigu kancellati l-ismijiet ta` l-konvenuti Keith Cole u Kathleen Griscti Soler bhala eredi tal-mejta Maria Stella Cole, u ghalhekk jibqghu biss il-konvenuti Kenneth Cole u Kenward Cole li jidhru bhala eredi tal-istess Maria Stella Cole.

Rat in-nota prezentata llum fejn il-bank attur minn naha wahda ceda l-atti tal-kawza <u>limitatament</u> fil-konfront tal-konvenuti Kenward u Ruth Cole f'isimhom proprju, u fil-konfront tal-konvenuti Kenneth Cole u Keith Cole f'isimhom propju u min-naha l-ohra zamm fermi u shah il-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

Rat in-nota tal-konvenuti Cole Foods Limited, H.P. Cole Limited, Henry Paul Cole, u Kenneth Cole u Kenward Cole bhala unici eredi tal-mejta Maria Stella Cole prezentata llum fejn ammettew il-pretensjonijiet tal-bank attur u fejn accettaw li jhallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.

Qieset l-atti tal-kawza.

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-konvenuti Kenward u Ruth Cole f'isimhom proprju, tal-konvenut Kenneth Cole f'ismu proprju u tal-konvenut Keith Cole f'ismu proprju stante cessjoni tal-atti tal-kawza mill-bank attur fil-konfront taghhom.**

**Fuq ammissjoni tal-konvenuti Cole Foods Limited (C8549), H.P. Cole Limited (C20), Henry Paul Cole (ID 212520M), u ta` Kenneth Cole (ID 647660M) u Kenward Cole (ID 541562M) bhala unici eredi tal-mejta Maria**

**Stella Cole, taqta` u tiddeciedi l-kawza billi tilqa` t-talbiet kollha attrici kif dedotti kontra l-konvenuti Cole Foods Limited (C8549), H.P. Cole Limited (C20), Henry Paul Cole (ID 212520M), u Kenneth Cole (ID 647660M) u Kenward Cole (ID 541562M) bhala unici eredi tal-mejta Maria Stella Cole, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kif mitluba kontra dawn l-imsemmija konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------